MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 256/2009

Kawza fil-lista: 6

**A B**
**vs**
**C D, Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**u l-Avukat Dottor Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri E D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li minn relazzjoni li hu kellu ghal diversi xhur mal-konvenuta C D twieled it-tifel E fis-19 ta’ April 2006; li fuq ic-certifikat tat-twelid tieghu, numru 1363/2006, il-minuri gie registrat bhala bin ta’ missier mhux maghruf; li, ghalkemm l-attur beda l-proceduri skond l-artikolu 86 tal-

Kap.16 sabiex jirrikonoxxi lil dan it-tifel, il-konvenuta baqghet ma wegbitx ghall-ittra ufficjali, bil-konsegwenza li hu kellu jistitwixxi l-kawza odjerna biex jigi dikjarat li t-tarbija hija wild naturali tieghu; ghaldaqstant l-attur qed jitlob li din il-Qorti:

1. Tiddikjara li r-rikorrenti A B huwa missier il-minuri E li twieldet fid-19 ta' April 2006 frott ta' relazzjoni bejnu u bejn l-intimata C D; u

2. Tordna li din ir-registrazzjoni ta' dan it-taghrif li l-imsemmi rikorrenti A B huwa l-missier il-minuri E, li tigi registrata fl-atti ta' l-istat civili relattivi mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku,

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 14 ta' Mejju 2009 kontra l-intimata C D li minn issa hija ingunta in subizzjoni.

Rat li permezz ta' nota prezentata fit-22 ta' Settembru, il-konvenuta C D iddikjarat li "tammetti t-talbiet attrici" [Fol.14];

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha, filwaqt li ddikjara li hu ma kienx edott mill-fatti tal-kaz, irrimetta ruhu ghar-rizultanzi processwali; u b' referenza ghat-tieni talba, talab li l-attur jaghti l-informazzjoni mehtiega ghal fini tal-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid tat-tarbija; kif ukoll sostna li m'ghandux ibati spejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha eccepew illi f' dan l-istadju huma m' humiex edotti mill-fatti tal-kawza billi sa issa ghadhom ma kkomunikawx ma' l-assenti minnhom rapprezentat.

Rat l-avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern skond il-ligi;

Rat ir-rapport xjentifiku prezentat u mahluf mill-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar; [Fol.35];

Rat il-verbal maghmul fl-udjenza tat-28 ta' April 2010 li permezz tieghu l-partijiet iddikjaraw li jaqblu li, filwaqt l-ispejjez relattivi ghad-Direttur konvenut jinqassum ugwalment bejn il-partijiet, il-kumplament ta' l-ispejjez jibqghu bla taxxa;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel E D, li twieled fis-19 ta' April 2006 mill-konvenuta C D u li fuq l-att tat-twelid tieghu numru 1363/2006 gie registrat bhala bin ta' missier mhux maghruf, huwa fil-fatt il-wild naturali tieghu; u konsegwentement qed jitlob id-debiti korrezzjonijiet fl-imsemmi att tat-twelid.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu f' relazzjoni li estendiet minn Gunju 2005 sa Lulju 2006, u li minn din ir-relazzjoni twieled it-tifel E fuq imsemmi. Wara li l-partijiet kienu tterminaw ir-relazzjoni taghhom, huma rrezumew ir-relazzjoni f' Dicembru 2007, izda f' Lulju 2008 ir-relazzjoni giet terminata defenittivament.

Il-konvenuta C D tikkonferma li kellha relazzjonijiet intimi u esklussivament ma' l-attur.

Illi r-rizultanzi tat-testijiet xjentifici tad-DNA jassodaw it-tezi tal-partijiet, stante li jikkonfermaw li l-attur huwa l-missier naturali tat-tarbija E.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici; u, filwaqt li tiddikjara li l-attur A B huwa l-missier naturali u bijologiku tat-tifla E li twieldet mill-konvenuta C D fis-19 ta’ April 2006, tordna li jsiru d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid fuq indikat, fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez relattivi ghall-konvenuti Direttur tar-Registru Pubbliku u ghall-kuraturi deputati ghandhom jigu sopportati mill-attur u mill-konvenuta C D konguntivament fi kwoti wgwali; filwaqt li l-kumplament jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------